**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 27 ta' Ottubru, 2021

Rikors Numru: 202/2014 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taz-Zwieġ: 178/1995)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi,[1] li permezz tiegħu ppremettiet:

1. *Illi l-kontendenti zzewġu fit-tlieta (3) ta' Marzu tal-elf, disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), u dank if jidher miċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn* anness u *mmarkat bħala Dok. 'A';*

---

[1] Fol. 1

2. *Illi minn dan iz-zwieġ twieldu tlett itfal, u ċioe D ta' dsatax (19)-il sena, il-minuri E, li twieldet fl-għaxra (10) ta' Jannar elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u F li twieled fl-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u dn kif jidher miċ-ċertifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati rispettivament bħala 'Dok B', 'Dok Ċ', u 'Dok D'.*

3. *Illi z-zwieġ bejn il-kotendenti tkisser irrimedjabiment u dan tort unikament ta' l-istess intimat, tant illi l-esponenti kienet kostretta li toħroġ mid-dar matrimonjali minħabba l-aġir tal-istess intimat.*

4. *Illi l-intimat rrenda ruħu ħati lejn ir-rikorrenti ta' sevizzi, inġurji gravi u vjolenza psikoloġika u fizika.*

5. *Illi kull tentattiv ta' rikonċiljazzjoni u medjazzjoni falla, minkejja kull sforz, u l-partijiet ġiet awtorizzati jipproċedu b'kawza għas-separazzjoni personali permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 12 ta' Lulju 2014, kopja ta' liema qegħdha tiġi annessa u mmarkata bħala Dok D.*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;*

1. *Tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba tortijiet esklussivament attribwibbli lill-intimat u senjatament sevizzi u inġurji gravi fil-konfront tar-rikorrenti, u in subordine għax iz-zwieġ tkisser irrimedjabbilment;*

2. *Tawtorizza lir-rikorrenti tgħix separata mill-intimat zewġha;*

3. *Tapplika kontra l-intimat l-effetti u l-penalitajiet kollha stabbiliti fl-Artiklu 48 u 51 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. *Takkorda lir-rikorrenti l-kura u kustodja unika tal-minuri E u F, b'dan illi l-intimat ikollhu dritt ta' aċċess supervizjonat ma' uliedu fi ġranet u ħinijiet fissi;*

5. *Tiffissa dik ir-retta alimentarja xierqa li l-intimat għandu jħallas kull xahar għal-ulied il-kontendenti E u F, liema somma għandha tizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;*

6. *Tiffissa dik ir-retta alimentarja xierqa li l-intimat għandu jħallas kull xahar lir-rikorrenti, liema somma għandha tizdied kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja;*

7. *Tillikwida u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;*

8. *Tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi ta' l-istess komunjoni ta' l-akkwisti lill-kontendenti f'dawk il-poroporzjon u b'dawk il-modalitajet li jiġu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

9. *Tordna illi l-kuntratt tal-kera relattiv għad-dar matrimonjali tal-kontendenti jinqaleb fuq isem l-esponenti biss;*

10. *Tikkundanna lill-intimat sabiex sabiex jirrestitwixxi lir-rikorrenti il-beni kollha personali u/jew parafernali tagħha fi zmien qasir u perentorju prefiss mill-Qorti u fin-nuqqas, tikkundanna lill-intimat appellant sabiex iħallas lir-rikorrenti appellata dik is-somma li għandha tiġi likwidata, rapprezentanti l-valur tal-beni personali u/jew parafernali;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat, minn issa nġunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut C B,[2] fejn eċċepixxa:

1. *Illi in kwantu l-ewwel talba attriċi, l-esponenti jikkonferma li z-wieġ tisser irrimedjabilment pero kuntrarju għal dak li qed jiġi sottomess mill-attri1i, dana ġara minabba raġunijiet serji imputabbli lill-attriċi stess, u dana kif jirrizulta aħjar waqt il-mori tal-kawza u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

2. *Illi rigward it-tieni talba attriċi, l-esponenti m'għandux kontestazzjoni, pero' l-ispejjez għandhom jiġu sopportati mill-istess attriċi stante u kif ser jirrizulta ċertament mill-provi prodotti fil-mori tal-kaz, it-tkissir taz-zwieġ seħħ bi ħtija*

[2] Fol. 35.

*ta' l-istess attriċi;*

3. *Illi fir-rigward tat-tielet talba attriċi, id-disposizzjonijiet imsemmija mill-istess attriċi għandhom jiġu applikati kontra l-istess attriċi skont kif jidrilha xieraq u ġust dina l-istess Onorabbli Qorti u għal din ir-raġuni ukoll, it-talba għandha tiġi ukoll miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

4. *Illi fir-rigward tar-raba' talba attriċi, l-esponenti jistqarr bl-akbar responsabbilita' illii l-kura u kustodja unika tal-minuri E u F għandha tiġi fdata f'idejn l-esponenti, b'tali mod illi a kuntrarju, l-attriċi jkollha, jekk ikun l-kaz, dritt ta' aċċess supervizjonat ma' uliedha minuri fi ġranet u ħiijiet fissi, u għalhekk ukoll, din it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

5. *Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, l-esponenti joġġezzjona, stante illi kif ser jirrizulta carament fil-mori tal-kaz, hija r-rikorrenti illi pjuttost għandha d-dmir li tivversa retta alimentary xierqa lill-uliedha, iktar u iktar talli kif taf ben tajjeb l-istess attriċi, matul dawn l-aħħar sentejn, kien l-esponenti waħdu li refa' responsabbilita' li jieħu ħsieb fl-għixien ta' uliedhom. Dan ġara, ġialadarba l-attriċi għazlet minn jhedda li titlaq il-barra mid-dar matrimonjali, għadha qatt ma għaddiet xi forma ta' manteniment len l-eċċipjent għall-uliedhom. Għal dawn ir-raġunijiet din it-talba għandha ukoll tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

6. *Illi fir-rigward tas-sitt talba, l-attriċi joġġezzjona u dana għar-raġunijiet ewlenija illi z-zwieġ ta' bejn il-kontendenti tkissier irrimedjabbilment minħabba raġunijiet serji imputabbli lil-istess attriċi, u dana kif jirrizulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u għalhekk din it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

7. *Illi fir-rigward tas-seba' talba attriċi, l-esponenti ma jsibx oġġezzjoni dejjem a spejjez tal-attriċi;*

8. *Illi fir-rigward tat-tmien talba attriċi, l-esponenti ma għandux kontestazzjoni izda jikkontendi li għandha tiġi likwidata tenendo kont il-ħtija tat-tkissir taz-zwieġ huwa imputabbli biss lill-istess attriċi;*

9. *Illi fir-rigward tad-disa' talba attriċi, l-esponenti joġġezzjona stante illi l-istess attriċi hija unikament responsabbli għat-tkissir taz-zwieġ bejn il-partijiet. Illi ċertament ma jkunx ġust illi tali talba tiġi milqugħa anke meta dina l-Onorabbli Qorti tqis illi ġo l-istess dar matrimonjali jinsabu jgħixu l-esponenti u l-minuri uliedhom kif dejjem kien hekk sa mill-bidu u illi l-eċċipjenti kemm ilha li l-attriċi telqet mid-dar, ħa ħsieb fit-trobbija tagħhom u l-manutenzjoni ta' l-istess dar waħdu mingħajr ebda kontribuzzjoni da prti ta' martu r-rikorrenti. Għal dawn ir-raġunijiet, kif ser ikun jista' jiġi ippruvat matul l-mori tal-kawza, din it-talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjez kontra l-attriċi;*

10. *Illi fir-rigward tal-għaxar talba attriċi, l-esponenti m'għandux oġġezzjoni.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attriċi.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut,[3] li permezz tagħha ppremetta:

1. *Illi l-kontendenti zzewġu fit-tlieta (3) ta' Marzu tal-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995), u dan kif jirrizulta miċ-ċertifikat taz-zwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieġ twieldu tlett itfal, u ċioe' D ta' dsatax (19)-il sena li twieldet il-wieħed u għoxrin (21) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u ħamsa u disgħin, il-minuri E li twieldet fl-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elf' disa' mija u tmienja u disgħin (1998) u F li twieled fl-ewwel (1) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħamsa (2005), hawn anness u mmarkat rispettivament bħala Dok B, Dok C u Dok D;*

3. *Illi l-ħajja konjugali bejn il-konjuġi B ma għadhiex aktar possibbli minħabba sevizzi, eċċessi, mnaċċi u inġurji gravi da parti tal-konvenuta, kif ukoll minħabba abbandun, inkompattibilita' ta' karattru u adulterju flagranti da parti ta' martu u b'hekk iz-zwieġ tfarrak b'mod irrimedjabbli;*

[3] Fol. 37-42.

4. *Illi kienu saru diversi tentattivi da parti tar-rikorrenti sabiex tintlaħaq separazzjoni bonarja, inkluz bil-proċeduri tal-edjazzjoni izda dawn ma tax frott minħabba l-intransinġenza da parti tal-konvenuta;*

5. *Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant l-intimat rikonvenzjonant umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joġgħobha:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn ir-rikorrent rikonvenzjonant u martu A B, għar-raġunijiet imputabbli lill-konvenuta;*

2. *Tawtorizza lill-istess C B illi jgħix separatament minn martu;*

3. *Tordna illi l-kura u kustodja tat-tfal minuri E u Fy, aħwa B ulied il-kontendenti tiġi fdata esklussivament f'idejn il-missier;*

4. *Tillikwida u tordna lill-martu tħallas manteniment xieraq kemm għal bzonnijiet tal-intimat rikonvenzjonant u kemm għal dawk ta' uliedhom, skond il-modalitajiet li jidhrilha xieraq din il-Qorti;*

5. *Tapplika internament jew in parti d-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi Ċivili u separatament tordna illi l-intimat rikonvenzjonant jiġi mogħti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tiegħu;*

6. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oġġetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'zewġ porzjonijiet illi jiġu assenjati waħda lil C B u l-oħra lill-istess konvenuta billi, ookkorendo għall-finijiet ta dina t-talba, jiġi nominat perit biex jgaħmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jirċievi l-att relattivu kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

7. *Tordna illi l-kuntratt tal-kera relattiv għad-dar matrimonjali tal-partijiet jinqaleb fuq isem l-intimat rikonvenzjonant;*

8. *Tordna u tawtorizza lill-intimat rikonvenzjonant ikompli jgħix u jirrisjedi fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni ta' martu l-attriċi rikonvenzjonata;*

9. *Tawtorizza lir-rikorrenti rikonvenzjonant li jirreġistra, ossia li jnizzel fir-reġistru pubbliku s-sentenza eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjez, kontra l-attriċi rikonvenzjonata minn issa nġunta in subizzjoni.*

Rat ix-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonat;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-attriċi għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, fejn eċċepiet:[4]

1. *Illi l-esponenti tichad bil-qawwa l-allegazzjoni tal-intimat rikonvenzjonali illi t-tifrik taz-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa attribwibbli lill-esponenti, ghaliex hija la kkometiet sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi, u wisq anqas adulterju jew abbandun. L-esponenti rikonvenzjonata umilment tirribadixxi illi z-zwieg tfarrak irrimedjabilment tort tal-agir tal-intimat rikonvenzjonant;*

2. *Illi l-esponenti ukoll tinnega li kien hemm xi intransigenza da parti taghha waqt tentattivi sabiex jintlahaq ftehim bonarju;*

3. *Illi ghalhekk, fir-rigward tal-ewwel talba, l-esponenti filwaqt li taqbel li z-zwieġ tkisser irrimedjabilment, umilment tissottometti illi din it-talba ghandha tigi milqugha' limitatament, fis-sens illi filwaqt li tigi dikjarata s-separazzjoni personali, ghandha tigi michuda t-talba illi din jigi dikjarat li din is-separazzjoni hija imputabbli lill-esponenti;*

4. *Illi m'hemmx kontestazzoni fir-rigward tat-tieni talba, salv li lispejjez ikunu a karigu tal-intimat rikonvenzjonant stante li t-tifrik taz-zwieg huwa imputabbli unikament lilu;*

[4] Fol. 45-47 – 23.

5. *Illi fir-rigward tat-tielet talba din ghandha tigi michuda, specjalment tenut kont tal-karattru vjolenti u abbuziv tal-intimat rikonvenzjonant, u a kuntrarju ta' dak mitlub minnu, l-kura u kustodja ghandha tigi fdata esklussivament f'idejn l-esponenti, bi dritt ta' access versu l-missier;*

6. *Illi fir-rigward tar-raba' talba, ghandha tigi michuda t-talba li l-esponenti thallas manteniment lill-intimat rikonvenzjonant peress li din it-talba hija nfondata fil-fatt u fi dritt. Fir-rigward tat-talba ghal manteniment ghall-ulied, l-esponenti umilment tssottometti illi jekk din l-Onorabbli Qorti jkollha tilqa' t-talba taghha li l-kura u kustodja tal-ulied minuri tkun fdata f'idejha, l-obbligu ghall-hlas ta' manteniment ikun talntimat rikonvenzjonant;*

7. *Illi fir-rigward tal-hames talba, din ghandha tigi michuda stante li hija infondatat fil-fatt u fid-dritt, b'dan illi m'hemm l-ebda oggezzjoni li l-intimat rikonvenzjonant jigi moghti l-piena ammistrazzjoni tal-beni parafernali tieghu, li del resto diga qieghed igawdi.*

8. *Illi fir-rigward tas-sitt talba, m'hemm l-ebda oggezzjoni, salv li l-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-periti li jistghu jigu appuntati ghandhom ikunu a karigu esklussiv tal-intimat rikonvenzjonant;*

9. *Illi fir-rigward tas-seba' u tmien talba, dawn ghanhom jigu michuda u dan specjalment tenut kont illi t-tifrik taz-zwieg kien ikkagunat mill-intimat rikonvenzjonant illi huwa hati ta' vjolenza domestika fil-konfront tal-esponenti;*

10. *Illi m'hemmx oggezzjoni fir-rigward tad-disa' talba.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat rikonvenzjonant.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi rikonvenzjonata;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat l-affidavits tal-partijiet kontendenti u d-dokumenti annessi;[5]

Rat is-sentenza tal-annullament taz-zwieġ tal-partijiet mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta tal-Ewwel Istanza nhar is-26 ta' April 2016 u d-digriet ta' ezekuttivita' tal-istess mogħti nhar il-25 ta' Mejju 2016;[6]

Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Novembru 2016, fejn il-Qorti ġiet infurmata illi s-sentenza ta' annullament taz-zwieġ tal-partijiet mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta ser tiġi rreġistrata mill-Qorti tal-Appell skont Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;[7]

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Appell datat 31 ta' Jannar 2018, fejn ordnat lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra d-deċizjoni tat-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta tas-26 ta' April 2016 u dan skont Artikolu 23 u 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;[8]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Abigail Critien, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum;[9]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

1. **L-Azzjoni Odjerna:**

Permezz tal-azzjoni odjerna u l-kontro-talba, il-partijiet qegħdin jitolbu s-separazzjoni personali għar-raġunijiet imputabbli lil xulxin reċiprokament. Barra minn hekk, il-partijiet qegħdin jitolbu ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-

[5] Fol. 239 – 334, 336 – 411.
[6] Fol. 149 – 170a.
[7] Fol. 96.
[8] Fol.
[9] Fol. 811.

effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali, fosthom: (i) il-kwistjoni dwar il-kura u kustodja tal-minuri, (ii) il-manteniment għall-minuri u l-partijiet, u (iii) ix-xoljiment, likwidazzjoni u l-assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Fil-mori tal-proċeduri, u ċjoe' nhar is-26 ta' April 2016 iz-zwieġ kattoliku tal-partijiet bejn il-partijiet ġie annullat mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta u konsegwentament nhar il-25 ta' Mejju 2016 ingħata d-Digriet ta' Ezekuttivita' tal-imsemmija sentenza sabiex b'hekk din tkun tista' tiġi rikonoxxuta. Jirrizulta illi r-reġistrazzjoni ta' din is-sentenza ġiet effettwata mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2018 u dan ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant u fil-fehma tal-Qorti, uħud mit-talbiet ta' l-attur ma baqgħux rilevanti u b'hekk ma hemmx aktar lok li jiġu deċizi t-talbiet għas-separazzjoni personali, id-dritt li jgħixu separatament minn xulxin u l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddeċċiedi rigward il-kwistjonijiet rimanenti.

## 2. Kura, Kustodja, Aċċess u Manteniment għall-Minuri:

Miz-zwieġ tal-partijiet twieldu tlett (3) itfal, ċjoe' D, E u F. Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob illi tiġi fdata bil-kura u kustodja ta' E u F, aħwa B, bil-konsegwenza li l-intimat ikollu l-obbligu li jħallas manteniment għalihom u jkollu dritt għall-aċċess magħhom. Min-naħa l-oħra, l-konvenut filwaqt li joġġezzjona għal tali talba, permezz tal-kontro-talba jitlob illi l-kura u kustodja tal-imsemmija minuri tkun fdata esklussivament f'idejh, u jitlob ukoll manteniment da parti l-attriċi, filwaqt li ma jagħmel l-ebda referenza għall-aċċess.

Il-Qorti tibda sabiex tosserva illi fid-data tal-prezentata tal-kawza, u ċjoe' l-10 ta' Settembru 2014, E u F B, kienu għadhom minuri.[10] Madanakollu, fil-prezent E B għandha tlieta u għoxrin (23) sena u jirrizulta li taħdem ma' Transport Malta,[11] filwaqt li F B għandu ħmistax-il (15) sena u b'hekk għadu student. Dan ifisser illi

[10] E B twieldet nhar l-10 ta' Jannar 1998, skont l-Att tat-Twelid tagħha a fol. 7, u b'hekk fil-mument tal-intavolar tal-kawza kellha sittax-il (16) sena, filwaqt li F B twieled nhar l-1 ta' Diċembru 2005, skont l-Att tat-Twelid tiegħu a fol. 8, u b'hekk fil-mument tal-intavolar tal-kawza kellu kwazi disa' (9) snin.
[11] Ara r-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut tas-6 ta' Ottubru 2020, liema rapport jnsab fir-raba' (4) volum tal-proċess.

fir-rigward ta' E B, ma hemmx iktar lok għal din il-Qorti li tippronunzja ruħha dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tagħha, stante li l-mertu tat-talba ġie ezawrit maz-zmien. Min-naħa l-oħra u fir-rigward ta' F B, dan għadu minorenni u b'hekk huwa obbligu tal-Qorti li tipponunzja ruħha dwar il-kura, kustodja, aċċess u manteniment tiegħu.

*Il-Kura u Kustodja tal-Minuri F B:*

Sabiex tissostanzja t-talba tagħha l-attriċi tixħet dawl fuq il-karattru alegatament vjolenti tal-konvenut u tirrileva fl-affidavit tagħha illi *"C qas qatt ma ha interess fl-edukazzjoni ta' uliedu. (...) C kien anke vjolenti mat-tfal specjalment ma' D, l-ewwel tifla. (...)"*.[12] Konsegwentament tkompli tisħaq u dan fir-rigward speċifiku ta' F B illi *"huwa car illi C qed jipprova jikkontrolla kull aspett ta' hajjet ibnu, u qed jaghmel kull ma huwa fil-poter tieghu biex jbieghed lit-tifel minni. Jiena lil dan it-tifel nadurah u rrid kemm jista' jkun nkompli ntih tfulija normali u l-imhabba kollha ta' omm. It-tifel huwa mghawwar minn missieru kontrja u dan qed iwassal biex iktar ma jghaddi zmien it-tifel jkompli dejjem jitbieghed minni. (...) Jien ninkwieta hafna ukoll li bhal ma C qatt ma ha interess f'hajjet it-tfal bniet, illi t-tifel li ghadu zghir hafna, qed jitla' minghajr direzzjoni u minghajr ma xi hadd jimbuttah fid-direzzjoni t-tajba."*[13] L-allegazzjonijiet tal-attriċi ġew respinti mill-konvenut fl-affidavit tiegħu u jsostni illi huwa għandu jkun fdat bil-kura u kustodja ta' ibnu, u dan bħalma għamel f'dawn l-aħħar snin. Magħdud ma' dan, il-Qorti ħadet ukoll konjizzjoni tax-xhieda ta' G H li hija l-kuġina tal-intimat fejn irrilevat illi *"Jien u C sirna hbieb ergajna meta A telqet mid-dar u halliet warajha lit-tifel iz-zghir F u kont nghinu jien wara l-iskola bil-homework u ntih jiekol. (...) C ghandu relazzjoni tajba mat-tfal kollha tieghu"*.[14]

Jiġi osservat illi l-kwistjoni tal-kura u kustodja ta' F B ġiet regolata *pendente lite* permezz ta' digriet datat 21 ta' Ġunju 2014, fejn din ġiet fdata esklussivament f'idejn il-konvenut.[15] Il-Qorti tinnota li min-naħa l-oħra, l-attriċi intavolat zewġ rikorsi b'urġenza sabiex titlob il-kura u kustodja tal-minuri, u ċjoe' permezz tar-rikors datat 17 ta' Novembru 2014 u ieħor datat 4 ta' Ottubru 2016.[16] Madanakollu jirrizulta li dawn iz-zewġ rikorsi ma ġewx deċizi in vista li l-attriċi

[12] Fol. 333.
[13] *Ibid.*
[14] Fol. 319.
[15] Dan id-digriet jinsab fl-Atti tal-Medjazzjoni tal-partijiet bin-Numru 1573/2012JSF, liema digriet jissemma' fin-nota ġuramentata tal-attriċi, a fol. 22.
[16] Iz-zewġ rikors jinsabu fin-naħa ta' wara tat-tielet volum tal-proċess tal-kawza odjerna.

għazlet li ma ssegwix l-imsemmija rikorsi izda ħallithom pendenti u dan minkejja l-allegata natura urġenti tagħhom.

Magħdud mal-premess, il-Qorti tinnota illi f'xi zmien matul is-sena 2020, il-minuri telaq mid-dar ta' missieru u mar jgħix għand ommu. Jiġi rilevat ukoll illi fil-perjodu tas-sena 2019 u 2020, ġew intavolati zewġ rikorsi mill-attriċi sabiex jinħatar *child psychologist* sabiex tirrelata dwar ix-xewqat tal-minuri u s-sitwazzjoni li jinsab fiha. Il-Qorti laqgħat it-talbiet tal-attriċi u permezz tad-digrieti datati 10 ta' Lulju 2019 u 8 ta' Awwissu 2020, ġiet maħtura l-perit psikologu Carmen Sammut li ħejjiet zewġ rapporti entro z-zmien ta' sena. Mill-imsemmija rapporti jiġi nnutat it-tibdil fil-perċezzjoni tal-minuri u x-xewqat tiegħu, fejn:

a. Fir-rapport tal-21 ta' Ottubru 2019,[17] jiġi indikat illi F B matul il-laqgħat tiegħu mal-psikologa ma weriex ix-xewqa li jiltaqa' ma' ommu u dan għax skontu taqla' l-inkwiet, tagħmel ħafna vendikazzjonijiet u anke minħabba l-affarijiet passati li għamlet li weġġuh; filwaqt li,

b. Fir-rapport tas-6 ta' Ottubru 2020,[18] jiġi indikat illi l-minuri telaq minn għand missieru u mar jgħix għand ommu, u ġie spjegat lill-psikologa illi l-minuri qiegħed ikollu numru ta' argumenti ma' missieru fejn ġie allegat li meta kienu jiġġieldu, l-intimat kien iħallih bil-ġuħ u ma jaħsillux ħwejġu sabiex jimpika miegħu. Jirrileva ukoll li minn mindu mar jgħix ma' ommu sejjer tajjeb magħha u wera x-xewqa li jgħix ma' ommu għaliex missieru weġġgħu bil-kliem tiegħu u għemilu.

L-perit psikologa Carmen Sammut, u

a. Permezz tal-ewwel rapport tagħha, ikkonkludiet illi: *"jidher li hu fl-ahjar interess ta' F (avolja zgur mhux idejali ghax il-missier ghandu l-'issues' tieghu wkoll) li jibqa' jghix taht ic-cirkostanzi li qed jghix. Nahseb li l-ahjar haga li wiehed jista' jissuggerixxi fl-isfond tal-istorja ta' din l-familja hija li F ghandu jithalla liberu li jaghmel kuntatt hu ma' ommu meta jhossu li hu f'pozizzjoni li jhossu jaghmel hekk"*; filwaqt li,

[17] Jinsab fin-naħa ta' wara tal-volum numru 3 tal-proċessi tal-kawza odjerna.
[18] Jinsab fin-naħa ta' wara tal-volum numru 4 tal-proċessi tal-kawza odjerna.

b. Permezz tat-tieni rapport tagħha, ikkonkludiet illi: *"B'dispjacir nghid li jidher li mhemmx fejn tista' taghmel ghazla bejn dawn iz-zewg genituri ghax it-tnejn mghandhomx xi ghodda, li mhux distruttivi, biex joffru dak li ghandu bzonn F, specjalment f'dan iz-zmien 'challenging' ta' l-adoloxxenza. U nghid li b'dispjacir ghax nemmen li t-tnejn qed jaghmlu dak li jistghu, anki jekk hemm sfond ta' pika li mhux qed jaghmel is-sitwazzjoni iktar facli zgur. (...) Difficli li nasal biex nissuggerixxi li F imur maghha (tirreferi għall-omm), avolja jidher li hekk qed jghid li jixtieq, ghax jidher li mhux kapaci toffri sens ta' gwida lil binha f'dan iz-zmien tant mimli bi sfidi kemm ghalih kif ukoll ghalihom. Ta' ugiegh ta' ras li jidher li qed jaghzel li jmur maghha ghax thallieh jaghmel li jrid! L-argumenti li kien hemm bejn F u missieru hafna minnhom huma komuni f'dan iz-zmien ta' zvilupp, kif inhi s-sens ta' ribelljoni u sfidar li tista' tizviluppa. Biss tant mghandhomx 'skills' bhala genituri biex jiddiljaw b'sitwazzjoni li zgur li mhemmx wisq fejn wiehed idur. U peress li dak li joffru bhala genituri huma modi opposti ta' kif jiffaccjaw l-isfidi li joffrilhom binhom, u t-tifel qieghed f'pozizzjoni li jista' jiehu vantagg mill-problemi sinifikanti li hemm fir-relazzjoni bejn il-genituri tieghu, hu naturalment hekk ser jaghmel, u jmur fejn jahseb li jaqbillu. (...) Zgur, kull decizjoni li ttiehed dwar ma' min ghandu jghix F, huwa importanti li jkun hemm haddiema socjali tal-Appogg, li jsegwu lil F regolarment, u lil genituri wkoll, biex jaraw kif ikunu sejrin l-affarijiet u joffrulhom ghajnuna prattika. Li forsi jkollu xi tip ta' 'mentor' minn barra l-familja tieghu biex forsi jkun jista' jghinu jaghmel ghazlet tajbin ghalih innifsu nahseb huwa mportanti. Ghal din il-fini, nirrikkomanda li jkun hemm xi 'youth worker' ingaggat biex isegwieh u jiggwidah, ikun qed jghin ghand min qed jghix mill-genituri, biex forsi jimla ftit mill-vojt kbir li jhallu l-genituri f'dak li ghandu bzonn bhalissa F".*

Fid-dawl tas-suespost, nhar it-3 ta' Novembru 2020 ingħata digriet fejn ġie ordnat illi F B għandu jgħix ma' missieru u l-Aġenzija Appoġġ sabiex tassenja lil minuri *youth worker* u dan għall-iskopijiet msemmija fir-rapport tal-perit psikologa, inkluz sabiex ikun jista' jsegwi lill-minuri u kif ukoll lill-partijiet billi joffrilhom l-għajnuna meħtieġa. In segwitu ta' dan id-digriet, ġie pprezentat rapport tal-ħaddiema soċjali Malcolm Casha, Raoul Briffa u Liana Bonnici, liema rapport jindika x-xogħol li sar mal-minuri F B u kif ukoll mal-ġenituri tal-istess. Barra minn hekk mir-rapport jirrizulta illi saret ukoll laqgħa mal-Kap tal-Iskola tal-Minuri F B. Minn tali rapport ġie konkluz u rrakkomandat is-segwenti:

*"Huwa ċar li l-minuri F u l-familja tiegħu għaddew minn ħafna u huwa meħtieġ li jkollhom għajnuna terapewtika sabiex jkunu jistgħu jaħdmu fuq il-weġgħat tal-passat u fil-proċess jaħdmu fuq ir-relazzjoni tagħhom ma' xulxin. Il-minuri F jidher li għandu ħafna mħabba lejn il-familja tiegħu u jixtiqilhom ħafna ġid. Il-minuri wera biċ-ċar li jaf jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, ser jibda jirċievi servizz ta' counsellor biex jaħdem fuq ir-rabja tiegħu, u anke' wera x-xewqa li jibqa' jgħix ma' ommu. F spjega li jħossu izjed fil-paċi u li jista' jiffoka fuq l-iskola jekk jibqa' ma' ommu. Il-fatt li l-iskola innotat li l-imġieba tal-minuri F marret għall-aħjar, tindika li F qiegħed f'sitwazzjoni aktar trankwilla bħalissa.*

- *Il-ġenituri u l-minuri kollha jibqgħu jirċievu l-għajnuna u terapija skond il-bzonn u hekk kif kull membru għandha professjonist assenjat għalih/a.*
- *Il-professjonisti minn naħa tal-Youth In Focus fi ħdan id-Direttorat tal-Kura Alternattiva jaħsbu, u dan ukoll fuq diskussjoni li saret mal-minuri u mal-ġenituri tiegħu li l-familja tkompli tirċievi għajnna hekk kif inkiteb il-punt ta' qabel u li dan l-istess servizz jieqaf isegwi minħabba l-fatt li s-sitwazzjoni tidher pjuttost waħda stabbli u pozittiva. Minkejja dan il-minri u l-familja jistgħu jerġgħu jirrikorru għas-servizz tad-Direttorat f'kaz ta' bzonn".*

Wara dan ir-rapport u permezz ta' digriet datat 9 ta' April 2021, il-Qorti iddikjarat illi taqbel mal-konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-ħaddiema soċjali, u li għaldaqstant qiegħda taddotta l-istess rapport u tordna lill-partijiet sabiex isegwu l-istess rakkomandazzjonijiet.

Stabbiliti ċ-ċirkostanzi li bihom tinsab rinfaċċjata din il-Qorti, din tal-aħħar ser tgħaddi sabiex tistabbilixxi l-prinċipji legali rigward il-kura u kustodja tal-minuri. Jiġi ribadit illi sa minn dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tagħna li, f'kawżi bħal din, il-Qorti għandha tikkunsidra l-aqwa interess tal-minuri. Fil-kawża **Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli** intqal: *"Jingħad illi l-kura tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew fil-liġi antika u sew fil-liġi viġenti, kif ukoll fil-ġiurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-prinċipju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantaġġ għall-interess tal-istess tfal li ċ-ċirkustanzi tal-kaz u l-koeffiċjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuġġerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enunċjata għandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewġin, sew meta l-konjuġi*

*jisseparaw ruħhom ġuddizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment".*[19]

Fil-kawża fl-ismijiet **Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless**, il-Qorti kienet qalet illi *"la cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitare col marito, deve essere commessa ed affidata a colui, fra i conjugi, che si riconoscera' piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla loro eta', ed a tutte le circostanze del caso – sotto quie provvedimenti, che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli".*[20]

Ingħad ukoll fil-kawża fl-ismijiet **John Cutajar vs. Amelia Cutajar et**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Jannar 1956 u **Maria Dolores sive I Scicluna vs. Anthony Scicluna**, deċiza mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-27 ta' Novembru 2003, illi *"apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominant in 'subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawza, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl-isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirrizultaw mill-provi tal-kaz li jrid jiġi rizolut…".*

Tenut kont tal-prinċipji bazilari hekk kif enunċjati mill-ġiurisprudenza appena ċitata, u ċjoe' l-prinċipju tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ għal minuri, il-Qorti għandha l-fakolta' li abbazi tal-Artikolu 56 tal-Kodiċi Ċivili, saħansitra tafda l-kura u kustodja tal-minuri lil ġenitur wieħed biss u dan sabiex l-interess suprem tal-minuri jkun dejjem issalvagwardjat. Il-Qorti tissottolineja illi l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-ġenituri. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frances K vs. Duncan Caruana,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-31 ta' Mejju 2017 u **Marlon Grech vs. Charlene Banks,** deċiza minn din il-Qorti nhar il-15 ta' Ġunju 2017, ġie ritenut illi l-Qorti *"filwaqt li dejjem tagħti piz għad-drittijiet tal-ġenituri, l-interess suprem li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri, kif anke mgħallma mill-ġiurisprudenza kostanti tagħna".*

Wara konsiderazzjoni tal-prinċipji legali u kif ukoll il-provi miġbura, il-Qorti tibda sabiex *in primis* tikkondividi pjenament il-ħsibijiet tal-psikologa Carmen

---

[19] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Ġunju 2003, Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

[20] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-8 ta' Diċembru 1858.

Sammut li din hija sitwazzjoni kemmxejn diffiċli, hekk kif il-minuri ġie espost għal ambjent xejn feliċi u dan fid-dawl taċ-ċirkostanzi sfortunati li għaddew minnhom il-partijiet bħala koppja mizzewġa. Fil-prezent, il-minuri għandu ħmistax-il (15) sena u b'hekk ma jistgħax jiġi kkunsidrat bħala persuna daqstant zgħir fl-eta', izda indubjament għandu l-kapaċita' li jifhem u jevalwa b'razzjonalita'.

Il-Qorti tosserva kif ta' minn eta' zgħira l-minuri dejjem ġie deskritt mill-esperti maħtura bħala tifel matur għaz-zmien li għandu u għaldaqstant il-Qorti tifhem illi l-minuri għandu l-kapaċita' sħiħa jevalwa kif jista' japprofitta mis-sitwazzjoni attwali. Fil-fatt dan kien ukoll il-ħsieb tal-psikologa Carmen Sammut fit-tieni rapport tagħha, fejn sostniet illi *"t-tifel qieghed f'pozizzjoni li jista' jiehu vantagg mill-problemi sinifikanti li hemm fir-relazzjoni bejn il-genituri tieghu, hu naturalment hekk ser jaghmel, u jmur fejn jahseb li jaqbillu"*.

Għalkemm mad-daqqa ta' għajn il-Qorti kienet tinsab tal-fehma illi jista' jagħti l-kaz li fil-prezent il-minuri kien qiegħed juri x-xewqa li jgħix ma' ommu sabiex ikollu l-liberta' in vista li missieru kien qiegħed ikun iktar strett miegħu, il-Qorti ma tistgħax taħbi l-fatt li kienet inklinata li zzomm ferm li l-minuri jibqa' fil-kura u kustodja tal-missier, u li jkompli jirrisjedi miegħu. Ta' min isemmi illi sa mill-bidu tal-azzjoni, ir-rapporti sottomessi lill-Qorti mill-esperti varji li ġew maħtura għal fini tal-interessi tal-minuri, dejjem ġie konkluz kemm mill-minuri u kif ukoll mill-esperti illi jkun verament fl-aħjar interessi tal-minuri li dan jirrisjedi ma' missieru. Għaldaqsant u fid-dawl tat-tibdil fil-ħsibijiet tal-minuri, il-Qorti bil-wisq kienet qiegħda tissuspetta illi l-inklinazzjoni tal-minuri sabiex jgħix ma' ommu minnflok ma' missieru, ma kienet xejn għajr metodu ta' manipulazzjoni da parti l-minuri stess sabiex fiċ-ċirkostanzi jieħu li jrid u dan ġialadarba fl-aħħar perjodu l-konvenut kien qed ikun iktar strett miegħu. Ir-raġuni wara tali ħsieb tal-Qorti kienet ibbazata anke fuq il-fatt li l-minuri kien konsapevoli illi l-attriċi ilha zmien tittenta tikseb id-dritt għall-aċċess miegħu u b'hekk ma setgħax jiġi eskluz illi kienet tezisti l-possibilita' illi l-minuri kien qiegħed jutilizza din il-kwistjoni a favur tiegħu għaliex kien jaf perfettament li a kuntrarju ta' missieru, ommu ser tagħtih dak kollu li jrid sabiex izzommu magħha in vista li ilha mċaħħda minnu għal zmien twil.

Madanakollu u fid-dawl tal-aħħar zviluppi u ċjoe' tar-rapport tal-ħaddiema soċjali fi ħdan id-Direttorat għal Kura Alternattiva (Tfal u Zgħazagħ), ipprezentat

nhar it-8 ta' April 2021, il-Qorti osservat illi l-minuri wera x-xewqa li jgħix ma' ommu u kif ukoll li missieru jkollu għajnuna għalih ħalli b'hekk ikun f'sitwazzjoni aħjar sabiex b'hekk ikollu relazzjoni proprja ma' missieru. Barra minn hekk, il-Qorti osservat ukoll dak li ġie rrappurtat fir-rigward tal-laqgħa li saret min-naħa waħda bejn il-ħaddiema soċjali u min-naħa l-oħra s-Sur Higgins bħala l-Kap u s-Sinjura Schembri nħala Assistenta Kap tal-Iskola San Tumas Moore, fejn *"dawn spjegaw li f'din l-aħħar sena raw l-imġieba ta' F tmur għal-aħjar, kif ukoll raw li huwa aktar iffukat. Fejn qabel kien idur mal-iskola u jiskarta xi lezzjonijiet, bħalissa F imur fil-ħin l-iskola u anke qiegħed imur tajjeb akkedemikament".*

Għalkemm dan ir-rapport jistabbilixxi li l-partijiet flimkien ma' binhom qegħdin jimxu 'il quddiem, il-Qorti xorta waħda tħoss li ma tistgħax tinjora kompletament ir-rapport passati, b'mod partikolari l-aħħar zewġ rapporti l-aktar riċenti tal-psikologa Carmen Sammut tas-sena 2019 u 2020. F'dawn ir-rapporti jiġi indikat b'mod ċar li s-sitwazzjoni familjari tal-partijiet ma hijiex l-iktar waħda idoneja, fil-fatt kien proprju għalhekk li ġew maħtura dawn il-ħaddiema soċjali sabiex b'hekk il-partijiet u l-minuri jingħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex jagħrfu jtaffu l-weġgħat passati u jdewwu l-feriti billi jimxu 'il quddiem b'mod ħolistiku li jirrikjedi impenn sħiħ u konsistenti. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-interess aħħari tal-partijet huwa il-minuri u l-*benessere* tiegħu.

Għaldaqstant u fid-dawl tax-xewqat tal-minuri, il-Qorti temmen illi fis-sitwazzjoni odjerna ikun idoneju u dan fl-interessi supremi tal-minuri illi l-kura u kustodja ta' F B tkun fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, izda F B għandu jirrisjedi ma' ommu ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Minħabba tendenzi passati, il-Qorti tordna ukoll illi l-Aġenzija Appoġġ għandha tkompli ssegwi il-progress tal-minuri u tal-partijiet, u barra minn hekk tara ukoll illi l-*youth worker* assenjat sabiex isegwi lil F B skont id-digriet tat-3 ta' Novembru 2020, ikompli bl-inkarigu tiegħu fit-termini tar-rapport tal-psikologa Carmen Sammut tas-6 ta' Ottubru 2020 u dan sakemm il-minuri jsir maġġorenni. Magħdud ma' dan u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-partijiet għandhom jingħataw t-taħriġ neċċessarju bil-għajnuna tal-Aġenzija Appoġġ dwar kif għandhom jikkomunika, jedukaw u jiddixxiplinaw lil binhom F B. Id-deċizjonijiet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum tal-minuri għandhom jittieħdu mill-omm waħedha stante li l-minuri ser ikun qiegħed jirrisjedi magħha, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar,

għandhom jittieħdu mill-partijiet b'mod konġunt. Huwa importanti li l-konvenut ikun konsistentament mgħarraf dwar kwalsiasi kwistjoni u progress li jirrigwardaw is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Barra minn hekk u fir-rigward ta' applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir bl-awtorizzazzjoni taz-zewġ partijiet, izda l-imsemmi passaport għandu jinzamm fil-pussess esklussiv tal-attriċi.

<u>*Aċċess għal Minuri:*</u>

Il-kwistjoni tal-aċċess, kienet l-iktar kwistjoni kombattuta mill-partijiet u fid-dawl ta' din il-kwistjoni ġew maħtura diversi professjonisti sabiex jagħtu dawl fuq is-sitwazzjoni u dan fl-aħjar interess tal-minuri F B. Permezz tad-digriet datat 7 ta' Novembru 2016, l-attriċi m'għandhiex aċċess għall-minuri F, u dan abbazi tar-rapport tal-Avukat tat-Tfal Dr Stephanie Galea, fejn kienet tal-fehma illi *"F għandu raġunijiet validi ħafna għaliex jixtieq li ma jkollux aktar aċċess għal ommu. Illi l-esponenti tissuġġerixxi umilment lil din l-Oorabbli Qorti li in kunsiderazzoni tax-xewqat u anke tal-aħjar interessi u s-sigurta' ta' F, A B ma jkollhiex aktar aċċess għal binha F"*. Madanakollu, in vista tal-aħħar zviluppi, il-Qorti permezz tad-digriet datat 9 ta' April 2021 iddikjarat li taqbel mal-konkluzjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-ħaddiema soċjali kif elenkati fir-rapport tagħhom pprezentat nhar it-8 ta' April 2021 u konsegwentament ordnat lill-partijiet sabiex isegwu l-istess rakkomandazzjonijiet, bir-rizultat li F B qiegħed jgħix ma' ommu izda ma huwiex magħruf hekk il-konvenut hux qed ikollu aċċess għal ibnu.

Filwaqt li fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tagħmel referenza għall-aċċess li jista' jkollu l-konvenut f'kaz li l-Qorti tafda f'idejha l-kura u kustodja tal-minuri, min-naħa l-oħra l-konvenut ma jagħmel l-ebda referenza għal tali kwistjoni. Il-Qorti tfakkar illi d-dritt għall-aċċess huwa wieħed mid-drittijiet fundamentali tal-ġenituri, liema dritt jemanixxi mis-setgħa ta' ġenitur. Għaldaqstant id-dritt għall-aċċess għandu jitgawda mill-ġenitur u dan anke jekk il-kura u kustodja tiġi assenjata lil wieħed mill-ġenituri. L-unika eċċezzjoni fejn il-Qorti tkun kostretta li tordna n-nuqqas ta' aċċess huwa f'kaz li jkun hemm rakkomandazzjoni minn espert fil-qasam, jew minħabba fattispeċji partikolari tal-kaz li jkollha quddiemha l-Qorti fejn ikun jidher b'mod lampanti li ma jkunx fl-interess suprem tal-minuri li jinzamm tali aċċess. Il-Qorti tirribadixxi illi ma għandha l-ebda interess li

tisfratta l-possibbilita' li ġenitur jibni relazzjoni ma' uliedu, salv jekk ikun hemm raġunijiet validi u leġittimi, u dan f'ġieħ l-interess suprem tal-minuri.

Għaldaqstant u tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti temmen li jkun idoneju illi: (i) il-minuri F B għandu jitħalla liberu li jikkomunika ma' missieru b'mod telefoniku u elettroniku meta jrid hu, u (ii) tenut kont li l-missier jinsab fi process li jimmeljora lilu nnifsu, dan għandu jkollu aċċess għal ibnu, liema dritt għandu jiġi ezerċitat biss meta l-minuri jkun irid jiltaqa' u jqatta' ħin miegħu, u b'hekk l-aċċess għandu jseħħ bil-volonta' assoluta tal-minuri kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ħamis mill-4 sas-6 ta' wara nofsinhar. Meta jseħħ l-aċċess, l-konvenut għandu personalment jiġbor u jwassal lura lil minuri għand ommu u fl-ebda waqt ma għandu jinzel mill-vettura tiegħu, javviċina l-bieb tal-attriċi jew jittenta jikkomunika mal-attriċi stess. Min-naħa l-oħra, l-attriċi f'tali mumenti ma għandhiex toħroġ barra mid-dar tagħha.

*<u>Manteniment għal Minuri:</u>*

Il-prinċipju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jistipula: "*Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħduħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi*". L-Artikolu 3B sub-inċiz 1 tal-istess Kodiċi jistipula illi: "*Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil ulied li jiġu miż-żwieġ skond il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied*".

Għalhekk abbażi tal-premess, jirriżulta mid-dispożizzjonijiet tal-liġi li l-ġenituri għandhom l-istess obbligi versu l-ulied tagħhom, u għalhekk it-tnejn li huma għandhom jikkontribwixxu għat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Għaldaqstant, kull ġenitur għandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu għandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinċiz 1 u 2 tal-Kodiċi Ċivili għandu jkopri l-ikel, ilbies, saħħa, abitazzjoni u spejjez reltati mal-istess saħħa u edukazzjoni. Ċertament li l-obbligi mnissla miż-żwieġ, japplikaw ukoll f'kazijiet bħal dan odjern fejn iz-zwieġ tal-partijiet ġie annullat. Fil-fatt Artikolu 20 subinċiz 2 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula: *"L-effetti ta' żwieġ validu jitqiesu li dejjem kienu jeżistu għal dak li jirrigwarda t-tfal li jitwieldu jew konċepiti matul żwieġ dikjarat null kif ukoll għal dak li*

*jirrigwarda tfal li jitwieldu qabel dak iż-żwieġ u li jkunu rikonoxxuti qabel ma tingħata s-sentenzata' nullità".* B'hekk fil-kaz odjern, l-obbligu taż-żewġ ġenituri lejn l-minuri jibqa' l-istess, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20 tal-istess Kodiċi Ċivili, u l-bżonnijiet tal-istess minuri.

Meta l-Qorti tiġi sabiex tistabbilixxi manteniment, ma hemmx xi formula stabbilita fil-liġi li biha l-Qorti tagħmel il-kalkoli biex imbagħad joħroġ ir-riżultat. Madanakollu Artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jservi mezz ta' gwida sabiex jassisti lil Qorti tasal għal konkluzjonijiet tagħha f'dan ir-rigward. Dan l-artikolu jaqra hekk:

*"(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

*(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tiegħu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kull interess benefiċjarju taħt trust".*

Ikkonfermat li l-ġenituri jridu jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti għandha l-obbligu li tqis li kull ġenitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tiegħu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.

Il-kwistjoni tal-manteniment ta' F B, qatt ma ġiet regolata b'xi digriet *pendente lite* ġialadarba li: (i) l-konvenut qatt ma ressaq talba f'dan ir-rigward u dan minkejja li kellu f'idejh il-kura u kustodja tal-minuri, filwaqt li, (ii) l-attriċi minkejja li resqet talba permezz tar-rikors datat 4 ta' Ottubru 2016 sabiex flimkien mal-kura u kustidja tal-minuri tingħata ukoll manteniment mill-konvenut għal minuri, tali talba qatt ma ġiet segwita mill-attriċi u b'hekk tħalliet pendenti.

Mill-provi mresqa u dan fid-dawl tal-impjiegi tal-partijiet, il-Qorti rat ix-xhieda u d-dokumenti pprezentati mir-rapprezentant tal-Jobsplus, fejn permezz tal-*employment history* tal-partijiet jirrizulta illi: (i) A B taħdem bħala xuffiera tax-xarabank mal-Malta Public Transport, u dan sa mis-17 ta' Novembru 2014,[21] filwaqt li (ii) C B ma jinsabx f'impjieg u l-aħħar impjieg dikjarat tiegħu kien bħala *self-employed,* liema impjieg ġie terminat fid-9 ta' Mejju 2012 minħabba nuqqas ta' xogħol.[22] Il-Qorti tosserva ukoll li G H, li hija l-kuġina tal-intimat, fix-xhieda tagħha tad-19 ta' April 2016 ukoll tikkonferma taħt ġurament li l-konvenut ma jaħdimx.[23]

Magħdud mal-premess, il-Qorti ħadet konjizzjoni ukoll tax-xhieda tar-rapprezentant tal-Malta Public Transport ta' nhar is-6 ta' Frar 2019,[24] fejn ġew ipprezentati l-*payroll transactions*,[25] u kif ukoll ix-xhieda tad-9 ta' Diċembru 2019,[26] fejn ġew ipprezentati ukoll l-FS3 tal-attriċi u numru ta' *payslips* oħra.[27] Għaldaqstant il-Qorti tasal għal konkluzjoni li fil-prezent, l-attriċi għandha dħul nett annwali ta' madwar €18,000.[28] Barra minn hekk, il-Qorti rat ukoll ix-xhieda tar-rapprezentant tad-Direttur tas-Sigurta' Soċjali fejn pprovda informazzjoni biss dwar l-attriċi u ċjoe' li fil-prezent ma jidhirx li qiegħda tipperċepixxi minn xi għajnuna, assistenza jew benefiċċju soċjali.[29]

---

[21] Fol. 87 – 88.
[22] Fol. 82 – 86.
[23] Fol. 80.
[24] Fol. 439.
[25] Fol. 442 – 478.
[26] Fol. 530.
[27] Fol. 647 – 791.
[28] Il-Qorti ħadet konjizzjoni illi: (i) għas-sena 2014, l-attriċi kellha dħul nett annwali ta' €1,003.12, (ii) għas-sena 2015, l-attriċi kellha dħul nett annwali ta' €9,293.65, (iii) għas-sena 2016, l-attriċi kellha dħul nett annwali ta' €12,133.62, (iv) għas-sena 2017, l-attriċi kellha dħul nett annwali ta' €15,785.77, u (v) għas-sena 2018, l-attriċi kellha dħul nett annwali ta' €16,453.94. Għaldaqstant mill-2018 għall-prezent, huwa stat ta' fatt li l-attriċi kompliet tizdiet fil-paga u li fil-prezent l-introjtu jqarrab is-somma netta annwali ta' €18,000 – ċjoe' €1,500 iktar mill-introjtu li l-attriċi kellha fis-sena 2018.
[29] Fol. 439.

In vista tas-suespost, il-Qorti tordna lill-konvenut u dan ġialadarba l-minuri ser jabita mal-omm, iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba' ġimgħat għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Din is-somma bazika qiegħda tittiehed abbazi tal-introjtu baziku li jista' jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista' jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista' jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta' tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa' jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa' jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta' tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel u għandu jitħallas direttament lill-wild jekk dan jagħzel li imur ighix għal rasu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri.

### 3. Manteniment lill-Attriċi u lill-Konvenut:

Kemm l-attriċi u kif ukoll il-konvenut jitolbu minn għand xulxin manteniment adegwat. F'dan ir-rigward, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tħares lejn Artikolu 20 subinċiz 5 tal-Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula: *"Minkejja kull dispożizzjoni oħra, min mir-raġel jew il-mara jkun responsabbli għan-nullità taż-żwieġ, ikun obbligat iħallas manteniment lill-parti l-oħra li tkun in bona fide għal perijodu ta' ħames snin, liema obbligu jispiċċa jekk il-parti in bona fide tiżżewweġ matul dak iż-żmien".*

Fid-dawl tal-artikolu tal-liġi appena ċitat, il-Qorti tevalwa s-sentenza ta' nullita' taz-zwieġ tal-partijiet mogħtija mit-Tribunal Metropolitan tal-Arċidjoċesi ta' Malta nhar is-26 ta' April 2016. Fis-sentenza in kwistjoni jidher li t-Tribunal in kwistjoni evalwa l-kwistjoni ta *"Grave Lack of Due Discretion of Judgemen and/or Inability to Assume Marital Obligations <u>on the Part of Both Parties</u>"* (sottolinejar ta' din il-Qorti).[30] Wara konsiderazzjoni akkurita tal-verzjoni taz-zewġ partijiet, it-Tribunal wasal għal konkluzjoni illi fir-rigward ta' C B *"since the conditions laid down in Canon 1095 (2) and (3) and in Canonical*

[30] Fol. 153.

*Jurisprudence, have been satisfied, we uphold the postion of the Deputy Defender of the Bond and return an AFFIRMATIVE decision that this marriage is to be declared null on the ground of lack of due discretion of judgement an inability to assume marital obligations on the part of Petitioner",*[31] filwaqt li fir-rigward ta' A B *"since the conditions laid down in Canon 1095 (2) and (3) and in Canonical Jurisprudence, have been satisfied, we uphold the postion of the Deputy Defender of the Bond and return an AFFIRMATIVE decision that this marriage is to be declared null on the ground of lack of due discretion of judgement an inability to assume marital obligations on the part of Respondent".*[32]

Dan ifisser illi z-zewġ partijiet huma responsabbli għan-nullita' taz-zwieġ tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti ma tarax lok illi għandha tordna u tobbliga lil xi wieħed jew waħda mill-partijiet tħallas manteniment adegwat lil parti l-oħra.

**4. It-Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet izzewġu nhar it-3 ta' Marzu 1995, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

a. *Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet b'effett mill-31 ta' Jannar 2018, ċjoe' d-data meta ngħata d-digriet mill-Qorti tal-Appell permezz ta' liema l-annullament taz-zwieġ tal-partijiet ħa l-effett tiegħu ċivilment ukoll.

b. *Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Fir-rigward ta' immobbli, il-Qorti tosserva illi l-partijiet ma għandhom l-ebda immobbli u d-dar matrimonjali tagħhom hija mogħtija lilhom b'titolu ta' kera minn għand l-Awtorita' tad-Djar. Għalkemm mill-atti ma jirrizultax illi l-partijiet pprezentaw l-ftehim tagħhom mal-Awtorita' tad-Djar, il-konvenut ezebixxa dokument li jismu *'Lista tat-Transazzjonijiet',*[33] li jikkonferma li l-fond *"Flat X,*

[31] Fol. 165.
[32] Fol. 169 -170.
[33] Fol. 374 – 378.

*Blk X, Triq X, Zabbar",* ġie konċess lil partijiet u li dawn tal-aħħar ilhom iħallsu l-kera għalih tal-inqas sa mit-3 ta' April 1996. Għaldaqstant ma hemmx dubju li dan it-titolu ta' kera jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, madanakollu ma hemmx x'jiġi diviz u b'hekk dak li huwa meħtieġ f'dan l-istadju huwa li jiġi deċiz min mill-partijiet għandu jiġi zgumbrat ġialadarba l-fond ma huwiex proprjeta' tal-partijiet izda mizmum b'titolu lokatizju. B'hekk tali kwistjoni ser tiġi trattata fit-taqsima rigward id-dar matrimonjali u d-dritt ta' lokazzjoni.

Fir-rigward tal-vettura tat-tip Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni bin-numru GBN-398, liema vettura nxtrat fl-2011 versu l-prezz ta' €6,500 u dan bil-għajnuna ta' self ta' €5,000 mal-Bank of Valletta plc.[34] Minn dokumenti li ezebixxa l-konvenut,[35] jirrizulta illi għal dan il-*loan* ta' €5,000 għamlu tajjeb għalih b'garanzija oħt il-konvenut u zewġha, I u J, konjuġi K. Jiġi nutat ukoll illi z-zewġ partijiet jikkonfermaw illi s-somma mislufa mill-bank ġiet imħallsa mill-konvenut.[36] Madanakollu mill-atti jirrizulta ukoll illi parti mil-*loan* u ċjoe' is-somma ta' €1,964.47 ġiet imħallsa mill-konjuġi K bħala l-garanti tas-somma in vista li l-pagamaneti ma baqgħux isiru. Dan ġie fil-fatt ikkonfermat b'mod inekwivoku kemm minn I K stess u kif ukoll permezz ta' ittra maħruġa mill-Bank of Valletta plc, kif indirizzata lil konjuġi K u datata 4 ta' Novembru 2015. B'hekk il-partijiet ħalsu għall-vettura in kwistjoni minn buthom is-somma ta' €4,535.53, filwaqt li s-somma ta' €1,964.47 ġiet imħallsa mill-garanti.

Il-Qorti ser tibda sabiex tissottolineja l-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ħlas ta' din il-vettura, fejn din ħadet konjizzjoni tad-dikjarazzjoni tal-partijiet, fis-sens illi l-ħlas tal-pagamenti saru mill-konvenut u dan fil-perjodu bejn l-2011 u 2015.[37] Tul dan il-perjodu, huwa stat ta' fatt illi l-partijiet kienu mizzewġin u r-reġim tal-komunjoni tal-akkwisti kien għadu *in vigore*. Mill-aspett legali huwa inkonfutabbli illi kull dħul jew frott li sar matul il-perjodu surreferit, ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili, dan għandu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. B'hekk ġialadarba kull dħul u/jew frott jifforma parti mir-reġim in kwistjoni, u l-ħlas tal-pagamenti tas-self sar minn tali dħul/jew frott, dan ifisser

[34] Dan huwa kkonfermat miz-zewġ partijiet, a fol. 23 u 343. Barra minn hekk, ġie kkonfermat ukoll permezz ta' *statements* bankarji, a fol. 642 – 646.
[35] Affidavit ta' I K, a fol 392 u ittra mill-bank datata 4 ta' Novembru 2015 indirizzata lil konjuġi K, a fol. 393.
[36] Fl-affidavit tiegħu a fol. 343, il-konvenut jirrileva illi *"il-pagamenti filfatt saru minni"*, filwaqt li fin-nota ġuramentata tagħha a fol. 23, l-attriċi ikkonfermat illi *"minn Jannar 2012, il-hlasijiet ta' din il-loan baqgħu jsiru unikament mill-intimat"*.
[37] Il-Qorti qiegħda tieħu in konsiderazzjoni ta' dan il-perjodu ġialadarba l-*loan* in kwistjoni ittiehed fil-perjodu ta' 2011 u l-ħlas intier tas-somma jidher li sar fl-2015 hekk kif il-bank ħadu s-somma rimanenti ta' €1964.47 mill-kont bankarju tal-konjuġi K.

illi l-pagamenti saru mill-komunjoni tal-akkwisti u ċjoe' miz-zewġ partijiet. B'hekk il-ħlas tas-self mal-Bank sar miz-zewġ partijiet, izda fi kwalunkwe kaz jezisti kreditu mill-partijiet a favur il-konjuġi K fil-valur ta' €1964.47, liema kwistjoni ma ġietx la msemmija u lanqas minimament kontradetta mill-attriċi.

Għaldaqstant u fid-dawl tas-suespost, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tassenja tali vettura lill-intimat,[38] u konsegwentament tordna ukoll sabiex il-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €2,267.77,[39] rapprezentanti sehemha mill-vettura in kwistjoni. Barra minn hekk u ġialadarba jezisti kreditu favur il-konjuġi K, il-Qorti tordna ukoll liz-zewġ partijiet sabiex iħallsu lil konjuġi K s-somma ta' €982.24 kull wieħed, sabiex b'hekk l-istess konjuġi jiġu rifuzi s-somma globali ta' €1,964.47.

Fir-rigward tad-*Dinghi* tal-marka Yamaha bin-numru ta' reġistrazzjoni S20957, il-Qorti tevalwa li fl-atti li għandha quddiemha ma hemm l-ebda dokument uffiċċjali rigward l-imsemmi *dinghi*. Il-konvenut jikkontendi fl-affidavit tiegħu illi *"dan kont ilhaqt xtrajtu ghat-tifel kif kont ilhaqt xtrajt karozza kull wiehed ghal Raque u E"*.[40] Madanakollu fl-istess affidavit jgħid ukoll illi *"riċentament ghal habta ta' Novembru tas-sena 2016 kienet iddikjarat quddiem l-avukata tieghi u l-avukat ta' A, quddiemi u quddiem A stess, meta konna fil-kuritur tal-Qorti sabiex nilhqu fethim bejni u E fuq id-dinghy u l-karozza Fiat u li jaqaw il-kawzi kontra taghha mal-pulizija"*.[41] Fil-fatt in korrabborazzjoni ta' dan, il-konvenut jezebixxi skrittura privata li saret bejnu u bintu E B, datata 28 ta' Novembru 2016, fejn *inter alia* sar it-trasferiment tad-*dinghi* minn fuq isem E B għal fuq isem il-konvenut.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti tara li ma hemm l-ebda prova dwar il-fatt li d-*dinghi* 'nxtara' għal F B, għaliex jekk xejn jirrizulta mill-provi li għandha quddiemha din il-Qorti, illi d-*dinghi* ġie trasferit lilu bl-intiza li jwaqqa' kull kaz kontra bintu E B. Nonostante dan, il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li d-*dinghi* jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti u għaldaqstant il-Qorti tordna illi tali *dinghi* għandu jitpoġġa għal bejgħ fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' 3 persuni midħla

---

[38] Fin-nota ġuramentata tagħha, a fol. 23, l-attriċi irrilevat illi din il-vettura tinsab fil-pussess tal-konvenut, liema allegazzjoni ma ġietx kontradetta mill-konvenut.
[39] Din hija nofs is-somma ta' €4,535.53 li ġiet imħallsa għal karozza mill-partijiet.
[40] Fol. 343.
[41] Fol. 341.

f'dan il-qasam li għandhom jinġiebu wieħed minn kull parti u wieħed bi ftehim bejniethom, b'dana illi kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviz tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewġ partijiet.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji, il-Qorti rat li mill-atti jirrizulta biss illi l-attriċi għandha zewġ kontijiet bankarji mal-Bank of Valletta plc, u ċjoe': (i) kont bankarju bin-numru 40022270551 li huwa *savings account*,[42] u (ii) kont banakarju bin-numru 40026120047 li huwa *motor loan*.[43] Kull kont konġunt mal-Bank of Valletta plc jidher li ġie magħluq. Fir-rigward tal-konvenut, ma jidhirx li fi zmien il-ġbir tal-provi dan kellu xi kontijiet bankarji; madanakollu jista' jagħti l-kaz illi fil-prezent dan ma għadux il-kaz. Għaldaqstant il-Qorti tara li fiċ-ċirkostanzi huwa idoneju illi l-partijiet jzommu dawk il-kontijiet li huma ntestati fuq isimhom u l-flus li hemm fl-istess kontijiet. Barra minn hekk u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tordna illi kwalsiasi kont bankarju li jaf jezisti fuq isem il-partijiet u dan għan-nom tal-minuri F B, tali kontijiet għandhom jibqgħu miftuħa u jsejħu liz-zewġ partijiet, fejn il-partijiet għandhom ikunu *both signatories* sabiex kull deċizjoni spettanti lill-istess kontijiet jittieħdu miz-zewġ partijiet b'mod ugwali, b'dana illi tali kontijiet għandhom jiġu trasferiti fuq isem F B hekk kif isir maġġorenni.

Fir-rigward tas-somma derivanti mill-polza ta' assigurazzjoni mal-MSV Life bin-numru FP410717, jidher li għalkemm hemm qbil bejn il-partijiet li tali polza ġiet miftuħa mill-partijiet nfushom waqt iz-zwieġ u li sussegwentament din immaturat, il-partijiet madanakollu ma jaqblux dwar is-somma li ġiet mogħtija lilhom mal-mument li din immaturat u kif ġiet utillizzata tali somma. Il-Qorti rat illi l-attriċi ma kienetx konsistenti fil-verzjoni tagħha, fejn fin-nota ġuramentata tagħha rrilevat li s-somma rtirata minnhom kienet dik ta' €6,984.65,[44] filwaqt li fl-affidavit tagħha rrilevat li rtiraw is-somma ta' €9,900.[45] Min-naħa l-oħra jiġi nnutat illi l-konvenut iddikjara illi s-somma likwidata kienet dik ta' €6,984.65 u sabiex jikkorrabbora dan il-konvenut ezebixxa dokument maħruġ mil-MSV Life stess rigward is-somma likwidata.[46] Għaldaqstant permezz ta' tali dokument

[42] Fol. 549 – 607.
[43] Fol. 608.
[44] Fol. 23.
[45] Fol. 333.
[46] Fol. 379.

huwa stabbilit b'mod inekwivoku li s-somma likwidata kienet ta' €6,984.65 u mogħtija lill-partijiet permezz ta' ċekk bin-numru BV44053 nhar il-25 ta' Mejju 2011.

L-attriċi tippretendi illi tiġi rifuza nofs is-somma surreferita hekk kif din ġiet mehuda kollha mill-konvenut.[47] Permezz tal-affidavit tiegħu, il-konvenut jilqa' għall-pretensjoni tal-attriċi billi jsostni illi din is-somma ġiet minfuqa hekk: *"1) elf minnhom thallset omm A, 2) elfejn u sitt mija hargu biex jinxtara vann ford transit biex kont stajt uzah ghax-xoghol u li wara xahrejn tefatu l-bahar meta nizlet bih b'kolloxbiex tnehhi hajjitha, u l-kumplament li kien fadal infaqthom pirmli meta A kienet ghadha Mount Carmel u biex nghajjex lit-tfal meta kelli nieqaf mix-xoghol biex niehu hsieb lit-tfal wahdi meta A kienet dan iz-zmien kollu assenti".*[48]

Il-Qorti tissottolineja illi minn jallega jrid jipprova, u għalhekk *in primis* kien jispetta lill-attriċi tipprova sal-grad rikjest mil-liġi illi s-somma in kwistjoni verament ittiehdet mill-konvenut, il-malizja tiegħu u x'għamel b'tali flus. L-attriċi kellha kull fakolta' li tressaq rapprezentanti tal-MSV Life plc u tal-Banek fejn il-partijiet kollhom kontijiet bankarji, sabiex jixhdu dwar is-somma in kwistjoni u jitfgħu dawl: (i) min sarraf iċ-ċekk, (ii) meta ssarraf iċ-ċekk, (ii) jekk iċ-ċekk ġiex miġbud jew depozitat, u (iv) jekk depozitat, f'liema kont tal-bank ġie depozitat. Barra minn hekk, l-attriċi kellha ukoll il-possibilita' li ttella' bħala xhud tagħha lill-konvenut innifsu sabiex jagħti l-verzjoni tiegħu dwar tali allegazzjoni. Fi kwalunkwe kaz, l-Qorti tara ukoll li fin-nuqqas da parti l-attriċi li tressaq il-provi neċessarji sabiex tissostanzja l-allgazzjoni tagħha, tonqos ukoll milli tagħmel kontro-ezami lill-konvenut dwar dak kontenut fl-affidavit tiegħu u dan minkejja d-dritt tagħha ai termini tal-liġi. Għaldaqstant, il-Qorti ma temminx li l-verzjoni tal-konvenut ma għandhiex mis-sewwa hekk kif l-allegazzjoni tal-attriċi, inkluz xi forma ta' malizja da parti l-konvenut rigward l-imsemmija somma, ma ġietx minimament ippruvata. B'hekk il-Qorti ma tarax li l-attriċi għandha tiġi rifuza parti minn din is-somma.

<u>Fir-rigward tal-mobbli ġewwa d-dar matrimonjali, ċjoe' l-għamara u kif ukoll l-armi tan-nar</u>, il-Qorti tikkonsidra illi fl-affidavit tagħha l-attriċi tirrileva *"din (l-ghamara) ukoll inxtrat waqt iz-zwieġ"*,[49] filwaqt li fin-nota ġuramentata tgħid illi

[47] Fol. 23.
[48] Fol. 343.
[49] Fol. 334.

*"l-ghamara li hemm fid-dar matrimonjal, b'valur komplessiv ta' circa €18,000, parti mil-liema kenet inxtrat minn omm l-esponenti, u parti oħra li kienet inhadmet minn familjari tal-esponenti",*[50] liema zewġ verzjonijiet ma jiġux kontradetti mill-konvenut. F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistgħax ma tikkumentax li huwa evidenti li l-verzjoni tal-attriċi dwar l-għamara ma hijiex konsistenti, u fi kwalunkwe kaz mill-atti ma jirrizultax illi hemm xi prova li parti minn din l-għamara inxtrat minn omm l-attriċi u li parti oħra nħadmet minn familjari tagħha. Għaldaqstant u fin-nuqqas ta' prova, il-Qorti sejra tikkonsidra li din l-għamara ġiet mixtrija mill-partijiet fiz-zwieġ. Barra min hekk, il-Qorti tosserva ukoll illi għalkemm il-konvenut ma jagħmilx referenza għall-għamara li tinsab fid-dar matrimonjali, huwa jagħmel referenza għas-snieter u jisħaq illi zewġt (2) isnieter biss jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u mhux tlieta kif irrilevat mill-attriċi,[51] u dan ġialadarba t-tielet senter ingħata lilu bħala wirt minn għand missieru.[52]

Il-Qorti qiegħda tassenja l-għamara kollha ġewwa d-dar matrimonjali lill-konvenut, in vista li huwa ser jibqa' jabita fil-fond bl-indirizz *"Flat X, Blk X, Triq X, Zabbar"* u dan għar-raġunijiet spjegati fit-taqsima ta' din is-sentenza li tirrigwarda d-dar matrimonjali u d-dritt ta' lokazzjoni fl-istess. Għal fini ta' kreditu a favur l-attriċi, rapprezentanti sehemha mill-għamara in kwistjoni, il-Qorti tikkonsidra illi l-attriċi attribwiet il-valur komplessiv ta' €18,000 u dan mingħajr ma ġie kkorraboratt b'xi tip ta' prospett b'irċevuti annessi. Min-naħa l-oħra, il-konvenut ma jagħmilx referenza għall-valur surreferit, u wisq anqas jinnegah jew jikkontradixxih. Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni għall-valur in kwistjoni, il-Qorti qiegħda tassenja l-valur ta' €18,000 lill-għamara kollha li tinsab fid-dar matrimonjali u dan abbazi tad-dikjarazzjoni tal-attriċi stess, u konsegwentament tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' €9,000 rapprezentanti sehemha mill-istess għamara.

Magħdud mal-premess u fir-rigward tas-snieter, fl-ewwel lok jiġi osservat illi fin-nuqqas ta' prova da parti l-konvenut li wiret arma tan-nar minn għand missieru, il-Qorti ma għandhiex għazla ħlief li tikkonsidra li l-armi tan-nar kollha li jinsabu fid-dar matrimonjali għandhom jiġu kkunsidrati li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Konsegwentament u fit-tieni lok, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi odjerni jkun għaqli li dawn l-armi tan-nar jitpoġġew għal bejgħ

[50] Fol. 23.
[51] Fol. 334.
[52] Fol. 344.

fis-suq miftuħ bi prezz maqbul bejn il-partijiet jew bi prezz stabbilit permezz ta' *average* ta' valutazzjoni ta' żewġ persuni midħla tal-armi tan-nar li għandhom jinġiebu wieħed minn kull parti, b'dana illi kull parti jkollha d-dritt li takkwista n-nofs sehem indiviz tal-parti l-oħra għall-istess prezz offrut lil terzi jew għal kwalunkwe prezz ieħor miftiehem bejn l-istess partijiet. Ir-rikavat għandu jinqasam ugwalment bejn iz-zewġ partijiet.

Fir-rigward tal-ħlas: (i) tal-vettura tal-għamla Fiat Punto bin-numru ta' reġistrazzjoni KGG-777 bil-valur ta' €800, (ii) tal-vettura Opel Corsa bin-numru ta' reġistrazzjoni DAV-033 bil-valur ta' €700, (iii) il-laptops għal F B, u (iv) il-vann tax-xogħol tal-konvenut, il-Qorti tinnota li fl-affidavit tiegħu, il-konvenut qiegħed jippretendi nofs il-valur tal-mobbli surreferiti. Il-Qorti tibda sabiex tissottolineja illi:

a. Fir-rigward tal-vettura Fiat Punto, il-konvenut jiddikjara fl-affidavit tiegħu illi din inxtrat għall-uzu ta' E B. Il-Qorti tara illi fl-atti ġiet ipprezentata skrittura privata bejn il-konvenut u E B, fejn nhar it-28 ta' Novembru 2016, il-konvenut ittrasferixxa din il-vettura fuq isem bintu E B. Madanakollu, il-Qorti tirrikonoxxi illi ma hemm l-ebda prova dwar meta nxtrat din il-karozza, u li lanqas ma ttellgħu jixhdu dwar din il-vettura in kwistjoni l-attriċi nnifisha u kif ukoll rapprezentant ta' Transport Malta. Nonostante dan, il-Qorti ma għandhiex dubju dwar l-ezistenza tal-vettura tat-tip Fiat Punto, li jidher li sa Novembru 2016 din kienet irreġistrata fuq isem il-konvenut u għaldaqstant jekk dak li hemm imnizzel fl-iskrittura surreferita huwa minnu, tali vettura sa tali zmien kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Madanakollu u fid-dawl ta' dak iddikjarat mill-konvenut - li huwa xtara tali vettura għal bintu E, din il-Qorti tifhem illi fi kwalunkwe kaz din il-vettura nxtrat mill-fond tal-komunjoni tal-akkwisti, tant li ma hemm l-ebda prova kuntrarju li tistabbilixxi li l-karozza nxtrat minn flus parafernali tiegħu;

b. Fir-rigward tal-vettura Opel Corsa, il-konvenut jiddikjara fl-affdavit tiegħu illi din inxtrat għall-uzu ta' D B. Madanakollu mill-atti ma hemm l-ebda prova rigward il-vettura tat-tip Opel Corsa;

c. Fir-rigward tal-laptops, il-konvenut jirritjeni fl-affidavit tiegħu illi l-attriċi għandha *"tirrifondi nofs il-laptop li xtrajt għal F fl-ammont ta' Eur1,194,48,*

*skond Dok J u trod nofs l-valur kollu tal-laptop li kelli nerga nixtri (Dok K) lit-tifel wara li E kisret il-laptop tat-tifel li diga kont xtrajt jien".* Mid-dokumenti ezebiti, il-Qorti tara illi dawn iz-zewġ laptops ġew mixtrija nhar it-30 ta' Diċembru 2015 u t-18 ta' April 2017, rispettivament, u ċjoe' fiz-zmien li kienet għadha fis-seħħ il-komunjoni tal-akkwisti;

d. Fir-rigward tal-vann tax-xogħol tal-konvenut, dan tal-aħħar jisħaq illi *"A għandha tagħmel tajjeb talli għerqitli għal kollox il-vann li b'vendikazzjoni tefatli l-baħar biex jien ma naħdimx".* Mill-atti ma jirrizultax meta nxtara dan il-vann, għalkemm il-konvenut jikkontendi illi bis-somma likwidata mill-polza tal-assigurazzjoni bin-numru FP410717 huwa xtara dan il-vann. Il-kwistjoni jekk il-konvenut kellux vann tax-xogħol o meno, tirrizulta vertiera hekk kif fl-ittra ta' A B, ezebita mill-konvenut stess, din tikkonferma li l-konvenut kellu vann. Il-Qorti ma għandha l-ebda dubju illi dan il-vann kien jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti, madanakollu mill-ittra surreferita ma jirrizultax illi l-attriċi għerqet il-vann sabiex tivvendika ruħha mill-konvenut sabiex ma jaħdimx, izda tali azzjoni kienet attentat ta' suwiċidju, wieħed minn bosta, sforz is-siwazzjoni li sfat fiha hekk kif is-sigriet tagħha rigward l-istupru li sofriet minnu ġie rilevat.

Tenut kont tal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti f'dan ir-rigward, il-Qorti ma tarax li l-pretensjoni tal-attur li jiġi rifuz lura nofs il-valur tal-mobbli hawn fuq imsemmija hija fondata.

<u>Fir-rigward tal-introjtu tal-attriċi</u>, il-konvenut jippretendi illi dan għandu jitqies bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti.[53] Il-Qorti tikkonferma li l-frott mill-ħidma tal-attriċi ai termini tal-Artikolu 1320 tal-Kodiċi Ċivili indubjament jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet. Madanakollu l-istess japplika fir-rigward tal-introjtu tal-konvenut u dan minkejja li mill-atti ma jirrizulta imkien illi jinsab f'impjieg jew li qiegħed jipperċepixxi minn xi għajnuna, assistenza jew benefiċċju soċjali mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Il-Qorti ma temminx bi sħiħ li l-konvenut ma għandu l-ebda introjtu. Għaldaqstant fiċ-ċirkostanzi odjerni, l-intorjtu ta' kull parti sad-data tax-xoljiment tal-komunjoni ta-akkwisti għandha tiġi ddikjarata li tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda kull parti għandha zzomm dik il-parti li hi ggwadanjat bil-ħidma tagħha.

[53] Fol. 344.

### 5. Beni Parafernali:

Iz-zewġ partijiet jitolbu lil Qorti sabiex jiġu restitwiti dawk il-beni parafernali tagħhom jew fin-nuqqas ta' dan il-ħlas ekwivalenti tal-valur tal-beni personali. F'dan ir-rigward l-attriċi ma tagħmel l-ebda referenza għal xi beni partikolari li jappartjenu lilha personalment, filwaqt li l-konvenut jiddikjara li kien wiret senter minn għand missieru.[54] Il-Qorti tevalwa li minkejja tali allegazzjoni, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova li dan is-senter jezisti, li kien jappartjeni lilu, u li wirtu minn ggħand missieru.

### 6. Dar Matrimonjali:

Kemm l-attriċi, kif ukoll il-konvenut, talbu lil Qorti tawtorizzahom jgħixu fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni tal-parti l-oħra. Id-dar matrimonjali tal-partijiet tinsab fil-fond bl-indirizz *"Flat 4, Blk E, Triq il-Ġilju, Zabbar"* u hija konċessa lilhom b'titolu ta' kera mill-Awtorita' tad-Djar. F'dan l-istadju, il-Qorti qiegħda tiddikjara li l-proprjeta' bl-indirizz surreferit m'għadhiex isservi bħala d-dar matrimonjali tal-partijiet.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak iddikjarat mill-attriċi fl-affidavit tagħha, li *"jien ninsab kostretta illi nikti post fejn nkun nista' noqgħod jien flimkien ma' binti E u flimkien mat-tifel ta' binti L għas-somma ta' €400 mensili. Din is-somma llum qed jkolli nagħmel tajjeb għaliha jwaħdi peress li binti s'issa ma taħdimx. Mill-paga tiegħi qed jkolli ngħajjex mhux biss lili nnifsi, izda ukoll lil binti u lin-neputi tiegħi. (...) C għadu joqgħod fid-dar li konna ġejna assenjati mill-Awtorita' tad-Djar. Illi għandi ngħid illi dan il-post għandu kirja ta' €64 darba kull tlett xhur. Għalhekk, da nil-post huwa bil-qabda iktar aċċessibblu għalija biex inkun nista' nkompli nleħħaq bil-bzonnijiet tiegħi, ta' binti, ta' neputija u kif ukoll tat-tifel F".*[55] Min-naħa l-oħra, l-konvenut irrileva illi *"dan il-post għandi bzonnu biex ngħixu għal kwiet jien u t-tifel F. A ilha taħdem tlett snin full time ma' Transport Malta bħala xufiera tal-karozza tal-linja kif jixhed l-Employment History tagħha mill-ETC a fol 87 u 88 tal-process u għaldaqstant apparti li telqet minn jhedda mid-dar għandha introjtu stabbli bizzejjed biex tfendi għal rasha u tħalli lili u lill-ibni għall-kwiet. (...) Filfatt E ingħatat post mill-Gvern akkwistat bis-sussidju*

[54] Fol. 344.
[55] Fol. 333.

*fuq isimha fl-indirizz X, Triq il-X, Zabbar, u ommha A qiegħda tgħix fih bil-kumdita' kollha. A filfatt lanqas uriet l-irċevuti ta' kemm ilha tħallas Eur400 mensili u fuq liema indirizz".*[56]

Wara konsiderazzjoni tas-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li r-raġuni tal-attriċi sabiex takkwista d-dritt ta' lokazzjoni fil-fond in kwistjoni m'għadhiex valida hekk kif mill-atti jirrizulta li bintha E B m'għadhiex finanzjarjament dipendenti fuq l-attriċi in vista li din ukoll qiegħda taħdem ma' Transport Malta.[57] Magħdud ma' dan, il-Qorti tosserva ukoll li kif iddikjara tajjeb il-konvenut, l-attriċi qatt ma pproduċiet kopja tal-kuntratt ta' kirja ta' fond li fih qiegħda tabita jew irċevuti tal-istess kirja. Fin-nuqqas ta' dan, il-Qorti ma għandha l-ebda ċertezza dwar dak allegat mill-attriċi u ċjoe' li qiegħda tgħix fil-kera u li tħallas somma sostanzjali kull xahar. Fl-aħħar nett, ġie osservat ukoll illi kienet l-attriċi li għazlet li titlaq mid-dar matrimonjali, u dan kif iddikjarat minnha stess fl-affidavit tagħha.[58] Fi kwalunkwe kaz, il-Qorti tikkonsidra illi għalkemm permezz ta' rikors datat 4 ta' Ottubru 2016 l-attriċi talbet lil Qorti sabiex *pendente lite* tingħata d-dritt li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut, mill-atti jirrizulta li dan ir-rikors baqa' pendenti hekk kif l-attriċi għazlet li ssegwix tali talba. B'hekk dan juri biċ-ċar li ma kien hemm l-ebda urġenza jew diffikulta' da parti l-attriċi li tgħix x'imkien ieħor u mhux fid-dar matrimonjali. Għaldaqstant u tenut kont tal-premess, il-Qorti tinsab tal-fehma illi fid-dar matrimonjali mizmuma mill-partijiet b'titolu ta' kera għandu jibqa' jirrisjedi l-konvenut ad eskluzzjoni tal-attriċi u għalhekk il-kirja *de quo* għandha tiġi assenjata fl-intier tagħha lill-konvenut.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel, it-tieni u t-tielet talba attriċi, u kif ukoll tal-ewwel, it-tieni u l-ewwel parti tal-ħames talba rikonvenzjonali, u dan in vista li z-zwieġ tal-partijiet huwa annullat;

[56] Fol. 343.
[57] Ara r-rapport tal-Psikologa Carmen Sammut tas-6 ta' Ottubru 2020, liema rapport jinsab fir-raba' (4) volum tal-proċess.
[58] Fol. 332.

2. Tilqa' limititament ir-raba' talba attriċi u t-tielet talba rikonvenzjonali, fejn filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet fir-rigward ta' E B in vista li din saret maġġorenni, tordna illi l-kura u kustodja ta' F B tkun fdata b'mod konġunt f'idejn il-partijiet, izda F B għandu jirrisjedi ma' ommu ġewwa Malta f'dak il-fond li l-attriċi tistabbilixxi bħala r-residenza tagħha. Minħabba tendenzi passati, il-Qorti tordna ukoll illi l-Aġenzija Appoġġ għandha tkompli ssegwi il-progress tal-minuri u tal-partijiet, u barra minn hekk kif ukoll tara illi l-*youth worker* assenjat sabiex isegwi lil F B skont id-digriet tat-3 ta' Novembru 2020, ikompli bl-inkarigu tiegħu fit-termini tar-rapport tal-psikologa Carmen Sammut tas-6 ta' Ottubru 2020 u dan sakemm il-minuri jsir maġġorenni. Magħdud ma' dan u f'ġieħ l-interessi supremi tal-minuri, il-partijiet għandhom jingħataw t-taħriġ neċċessarju bil-għajnuna tal-Aġenzija Appoġġ dwar kif għandhom jikkomunikaw u jedukaw u jiddixxiplinaw lil binhom F B. Id-deċizjonijiet ordinarji tal-ħajja ta' kuljum tal-minuri għandhom jittieħdu mill-omm waħedha stante li l-minuri ser ikun qiegħed jirrisjedi magħha, filwaqt li dawk id-deċizjonijiet iktar importanti, inkluz dawk ta' saħħa, edukazzjoni u safar, għandhom jittieħdu mill-partijiet b'mod konġunt. Huwa importanti li l-konvenut ikun konsistentament mgħarraf dwar kwalsiasi kwistjoni u progress li jirrigwardaw is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri. Barra minn hekk u fir-rigward ta' applikazzjoni għal ħruġ u tiġdid tal-passaport tal-minuri, dan għandu jsir bl-awtorizzazzjoni taz-zewġ partijiet, izda l-imsemmi passaport għandu jinzamm fil-pussess esklussiv tal-attriċi; konsegwentament tordna illi: (i) il-minuri F B għandu jitħalla liberu li jikkomunika ma' missieru b'mod telefoniku u elettroniku meta jrid hu, u (ii) tenut kont li l-missier jinsab fi process li jimmeljora lilu nnifsu, dan għandu jkollu aċċess għal ibnu, liema dritt għandu jiġi ezerċitat biss meta l-minuri jkun irid jiltaqa' u jqatta' ħin miegħu, u b'hekk l-aċċess għandu jseħħ bil-volonta' assoluta tal-minuri kull nhar ta' Tnejn, Erbgħa u Ħamis mill-4 sas-6 ta' wara nofsinhar. Meta jseħħ l-aċċess, il-konvenut għandu personalment jiġbor u jwassal lura lil minuri għand ommu u fl-ebda waqt ma għandu jinzel mill-vettura tiegħu, javviċina l-bieb tal-attriċi jew jittenta jikkomunika mal-attriċi stess. Min-naħa l-oħra, l-attriċi f'tali mumenti ma għandhiex toħroġ barra mid-dar tagħha;

3. Tilqa' limitatament il-ħames talba attriċi u r-raba' talba rikonvenzjonali, fejn filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' dawn it-talbiet fir-rigward ta' E B in vista li din saret maġġorenni, tordna u dan fir-rigward ta' F B sabiex il-

konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta’ mitejn, ħamsa u sebgħin Ewro (€275) kull erba’ ġimgħat għal F B, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez relatati mas-saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari. Din is-somma bazika qiegħda tittiehed abbazi tal-introjtu baziku li jista’ jipperċepixxi l-konvenut. Dan il-manteniment jogħla kull sentejn skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja u jista’ jitnaqqas direttament minn kwalsiasi paga, introjtu jew benefiċċju soċjali li jista’ jipperċepixxi minnu l-konvenut. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili, l-konvenut huwa obbligat li jħallas manteniment għal F B sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta’ tmintax (18)-il sena. Madanakollu fl-eventwalita` li l-minuri jagħzel li jibqa’ jistudja fuq bażi *full-time* wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm dak il-wild jagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm ittemm l-istudji tiegħu, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel u jekk it-tifel jagħzel li jmur igħix għal rasu l-manteniment għandu jitħallas direttament lilu. Kwalunkwe benefiċċju soċjali in konnessjoni mal-minuri, inkluz *children allowance* għandu jkun perċepibbli mill-attriċi għan-nom tal-minuri; fir-rigward tal-konvenut, il-Qorti tiċħad it-talba tiegħu għall-manteniment minn għand l-attriċi in vista li huwa ġie misjub responsabbli għan-nullita’ taz-zwieġ tagħhom;

4. Tiċħad is-sitt talba attriċi rigward it-talba għall-manteniment għaliha nnifisha minn għand il-konvenut in vista li hija ukoll instabet responsabbli għan-nullita’ taz-zwieġ tagħhom;

5. Tilqa’ s-seba’ u t-tmien talba attriċi u s-sitt talba rikonvenzjonali, billi xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-paritjiet, b’dan ill d-divizjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tar-raba’ (4) parti ta’ din is-sentenza, u ċjoe’ *‘It-Terminazzjoni u d-Divizjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti’*; madanakollu tastjeni milli tiddeċiedi rigward in-nomina ta’ nutar u kuratur f’dawn il-proċeduri;

6. Tiċħad id-disa’ talba attriċi, filwaqt li tilqa’ is-seba’ u t-tmien talba rikonvenzjonali rigward il-kuntratt tal-kera tal-fond *“Flat X, Blk X, Triq il-X, Zabbar”*;

7. Tiċħad l-għaxar talba attriċi u l-aħħar parti tal-ħames talba rikonvenzjonali rigward il-beni parafernali;

8. Tilqa' id-disa' talba rikonvenzjonali u tordna li s-sentenza odjerna tiġi reġistrata mad-Dipartiment tar-Reġistru Pubbliku.

L-ispejjez kollha tal-kawza għandhom ikunu sapportati miz-zewġ partijiet fi kwoti indaqs bejniethom.